MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 129/2014

**Catermax Limited**

**vs**

**Events Travel and Incentives Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta' Frar 2014 li jghid hekk:

1. Premess illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' tnejn u tmenin elf seba' mija u disghin ewro u sebghin centezmu (82,790.70) rapprezentanti bilanc

minn somma ikbar ghal servizzi varji rezi lilha bejn l-2012 u l-2013 fuq struzzjonijiet tieghek stess hekk kif jidher mill-istatement anness u mmarkat CM1;

2. Premess illi dan l-ammont dovut jikkonsisti f'servizzi ta' diversi ikliet ghal konferenzi jew gruppi organizzati mis-socjeta konvenuta u liema ikel u servizzi ancillari saru mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

3. Premess illi s-socjeta attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

4. Premess illi f'Ottubru 2013 gie iffirmat ftehim bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta fuq modalita ta' hlas fuq il-bilanc dovut (Dok. anness u mmarkat CM2) izda lanqas dan il-ftehim ma gie onorat;

5. Premess illi l-ammont fuq premess huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta attrici qieghda tannetti ma' dan l-att affidavit (Dok. CM3) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tnejn u tmenin elf seba' mija u disghin ewro u sebghin centezmu (82,790.70) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ghal servizzi varji rezi bejn l-2012 u l-2013 lis-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha inkluz dak tal-mandat ta' inibizzjoni mahrug fil-konfront ta' proprjeta tas-socjeta konvenuta, bl-imghax legali skond il-ligi fuq is-sorte kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2014;

Rat illi Dr. Geoffrey Mifsud Farrugia ghas-socjeta attrici ddikjara li ma ghandux provi ohra oltre dawk li jinsabu fl-atti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-istess difensur legali tas-socjeta attrici fejn ikkonferma bil-gurament tieghu li l-kreditu ghadu kollu dovut kif mitlub.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ tnejn u tmenin elf seba' mija u disghin ewro u sebghin centezmu (€82,790.70), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sal-gurnata tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------